MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2077/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Dolores Dimech (ID787358) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Dolores Dimech**

**vs**

**Joseph Diacono (ID775143M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u disghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm195.22) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-23 ta' Lulju, 2003, fi Triq id-Dahla ta' San Tumas, Zejtun, bejn il-vettura bin-numru LAG 431 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru HAW**

**292 misjuqa minn Joseph Dimech u propjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 31 ta' Mejju, 2004, il-konvenut baqa' nadempjenti.**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) 'Excess' imhallsa mill-assikurata tas-socjeta' attrici, Dolores Dimech, li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz, u bl-imghax pagabbli mil-31 ta' Mejju, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tad-19 t'April, 2005, deher id-difensur tal-konvenut u l-kawza thalliet ghall-probabbli cessjoni.**

**Ra li fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2005, deher id-difensur tal-konvenut li ddikjara li ghandu jipprezenta r-risposta tieghu.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Mejju, 2005, fejn intqal illi ghall-incident mertu tal-kawza kien responsabbli unikament is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta` attrici.**
**Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-atturi.**

**Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2005, li fih id-difensur tas-socjeta' attrici qed taqbel mal-proposta tal-konvenut, illi r-responsabbilta tal-incident tigi maqsuma in kwantum ghal zewg terzi fuq il-konvenut u terz fuq Dolores Dimech. Id-difensur tal-konvenut irrileva li l-ispejjez jinqasmu skond ir-responsabbilta;**

**Ghaldaqstant, in vista tad-dikjarazzjonijiet maghmula, it-Tribunal qed jiddikjara lill-konvenut responsabbli fi grad ta’ zewg terzi ghall-incident li sehh, u l-attrici responsabbli fi grad ta’ terz, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici GasanMamo Insurance Limited is-somma ta’ mija u hames liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm105.14), u lill-attrici Dolores Dimech is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet dekoribbli mill-lum sal-pagament effetiv.**

**Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez ta’ dina l-istanza inkluzi ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi bejniethom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------